## SIEF, fejn tidħol inti?

**Is-SIEFs jiġbru flimkien negozji li jirreġistraw l-istess sustanza sabiex huma jkunu jistgħu jiskambjaw id-dejta dwarhom. Dan inaqqas l-ispejjeż u jevita xogħol doppju ta' ttestjar fuq l-annimali.**

**Jekk teħtieġ li tirreġistra sat-30 ta' Novembru 2010:**

Iċċekkja fis-sit tar-REACH-IT biex tara min aktar hemm fis-SIEF tiegħek (kumpaniji oħrajn li rreġistraw minn qabel l-istess sustanza).

Identifika jekk hemmx Reġistrant Prinċipali diġà nnominat u għarrafhom li inti ser tirreġistra fl-2010.

Jekk ma hemmx Reġistrant Prinċipali, ikkuntattja membri oħra tas-SIEF biex tinnominaw u taqblu fuq xi ħadd malajr. Kull SIEF għandu jkollu Reġistrant Prinċipali!

Skambja d-dejta mal-oħrajn – iddeċiedi sal-liema punt inti trid li tkun involut/a fit-tħejjija tad-dossier.

Ir-Reġistrant Prinċipali għandu jissottometti d-dossier konġunt f'isem il-membri tas-SIEF.

Tinsiex li inti għandek tissottometti wkoll fajl individwali għan-negozju tiegħek u tħallas il-ħlas tar-reġistrazzjoni tiegħek.



Recipjenti cmy © Luis Celfao-Fotolia

## Klassifikazzjoni, Ittikkettar u Imballaġġ (CLP)

**Ir-regoli l-ġodda dwar is-CLP jfissru li s-sustanzi jridu jiġu riklassifikati sal-1 ta' Diċembru 2010 u t-taħlitiet sal-1 ta' Ġunju 2015.**

**Manifatturi u importaturi jeħtieġ li jinnotifikaw lill-ECHA sat-3 ta' Jannar 2011 dwar il-klassifikazzjoni ta' sustanzi mqiegħda fis-suq li huma:**

- soġġetti għar-Reġistrazzjoni f'REACH (għal sustanzi li għandhom jiġu rreġistrati sat-30 ta' Novembru 2010, in-notifikazzjoni sejra tkun parti mid-dossier tar-reġistrazzjoni);
- ikklassifikati bħala perikolużi (irrispettivament mill-volum!);
- f'taħlitiet ta' aktar minn ċerti limiti ta' konċentrazzjoni, li jirriżultaw fil-ħtieġa ta' klassifikazzjoni.

**Ikseb aktar informazzjoni:**

SIEF:
http://echa.europa.eu/sief_mt.asp

REACH & CLP:
http://guidance.echa.europa.eu/index_mt.htm

REACH-IT:
http://echa.europa.eu/reachit_en.asp

Obbligi ta' REACH:
http://guidance.echa.europa.eu/navigator_mt.htm

CLP:
http://echa.europa.eu/clp_mt.asp

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
ECHA European Chemicals Agency
ISBN 978-92-79-14647-3
NB-80-10-170-MT-C doi: 10.2769/41783

Dritt tal-awtur għall-istampi tal-qoxra
Siġar tal-betula f'foresta fil-Ħarifa © jordano-Fotolia
Tankijiet bojod b'likwidu © Max Tactic-Fotolia



# REACH & CLP

# 2010: Sena ewlenija għar-Reġistrazzjoni u n-Notifikazzjoni tas-Sustanzi Kimiċi

## Aġixxi Issa!



ECHA European Chemicals Agency

# Tipproduċi jew timporta sustanzi kimiċi?

**It-30 ta' Novembru 2010** hija d-data ta' skadenza skont ir-regolament REACH għar-reġistrazzjoni tal-parti l-kbira tas-sustanzi perikolużi (per eż. CMR) b'aktar minn tunnellata waħda kull sena, għal sustanzi tossiċi ħafna għall-ambjent akkwatiku b'aktar minn 100 tunnellata kull sena, jew sustanzi mmanifatturati jew importati b'aktar minn 1,000 tunnellata kull sena.

## X'għandi nagħmel?

Issottometti dossier tar-reġistrazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) li jikkonsisti minn parti komuni li titħejja u tiġi sottomessa flimkien ma' manifatturi jew importaturi oħrajn tal-istess sustanza, u minn parti individwali li fiha informazzjoni li hija speċifika għall-kumpanija tiegħek.

Biex tipprepara d-dossier tiegħek, jeħtieġ li inti tiskambja informazzjoni ma' oħrajn fil-Forum ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar is-Sustanzi (SIEF).

Id-dossier tar-reġistrazzjoni jiġi sottomess f'softwer jismu REACH-IT.

Manifatturi jew importaturi ta' sustanzi kimiċi biss għandhom jirreġistraw, utenti downstream m'għandhomx jirreġistraw.


Trakk tank © bisougue-Fotolia

**REACH** – Reġistrazzjoni, Evalwazzjoni,, Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi

**L-Għanijiet**

- Il-Protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent
- Aktar innovazzjoni
- Aktar kompetittività

## Ibda issa!

Jekk għandek tirreġistra sat-30 ta' Novembru 2010, ibda aħdem fuq dan malajr kemm jista' jkun.

Ma tantx baqa' żmien għall-iskambju tad-dejta fis-SIEF!

U l-informazzjoni li inti għandek tissottometti individwalment tista' tkun sostanzjali.

## Kemm se tiswa flus?

Il-ħlas għar-reġistrazzjoni jsir lill-ECHA – skont it-tunnellaġġ tas-sustanzi kimiċi u d-daqs tal-kumpanija.

Inti tkun meħtieġ ukoll li tħallas għad-dejta tar-reġistrazzjoni miksuba mingħand membri oħrajn tas-SIEF. L-ammont ta' ħlas jiddependi fuq kemm kumpaniji jaqsmu dawn l-ispejjeż fi ħdan is-SIEF. Inti tħallas biss għad-dejta li jkollok bżonn, u fiż-żmien meta inti attwalment tkun teħtieġhom.

## Kif jaħdem is-SIEF?

Kull SIEF jinnomina Reġistrant Ewlieni li jissottometti d-dossier konġunt – iċċekkja u segwi l-istruzzjonijiet jew it-talbiet tagħhom.

Uħud mis-SIEFs għandhom konsorzji. Il-parteċipazzjoni fis-SIEF hija obbligatorja, li tissieħeb f'konsorzju mhuwiex.

## U jekk jien nesporta lejn l-UE?

Ma tistax tirreġistra inti stess. L-obbligi tar-REACH f'dan il-każ iridu jiġu ssodisfati mill-importaturi tiegħek jew minn kumpanija stabbilita fl-Unjoni Ewropea li inti tinnomina bħala r-Rappreżentant Uniku tiegħek.

**SIEF** – Forum ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar is-Sustanzi

**L-Għanijiet**

Skambju ta' dejta massimizzat = l-evitar ta' ttestjar bla bżonn ta' annimali u tnaqqis tal-ispejjeż tal-ittestjar għall-industrija.


Żewġ kontejners ta' sustanzi kimiċi © Krzysztof Zygalski-Fotolia

## Minn fejn nista' nikseb għajnuna?

L-ewwel ikkonsulta l-websajt tal-ECHA – inti ssib webpages speċifiċi dwar is-SIEFs, dokumenti ta' gwida u għodod tal-IT u Mistoqsijiet Komuni (FAQs). Hemm ukoll *helpdesk* nazzjonali tar-REACH/CLP f'kull pajjiż tal-UE u *helpdesk* tal-ECHA.

Assoċjazzjonijiet tal-industrija, l-Enterprise Europe Network (in-Netwerk tal-Ewropa Intraprenditorjali) u l-kmamar tal-kummerċ jistgħu jgħinu wkoll.

## Żmien biex **tirreġistra** għal REACH

**Passi għar-reġistrazzjoni REACH:**

- Skambja d-dejta fis-SIEF tiegħek
- Ħejji s-sottomissjoni konġunta u individwali

| L-1 SKADENZA TAR-REĠISTRAZZJONI 30 TA' NOVEMBRU 2010 | 31 ta' Mejju 2013 | 31 ta' Mejju 2018 |
|---|---|---|
| ≥ 1 tunnellata/sena CMRs<br>≥ 100 tunnellata/sena tossiku ħafna għall-ambjent akkwatiku<br>≥ 1,000 tunnellata kull sena | 100 tunnellata/sena | 1 tunnellata/sena |